# FIL-QORTI CIVILI PRIM’ AWLA

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

**Illum 29 ta’ Ottubru 2024**

**Rikors numru 830/2022**

**Doreen Mizzi (K.I. 459173M)**
**vs.**
**No Deposit Cars Malta Limited (C 85780) u Princess Holdings Limited (C72528) għal kull interess li jista’ ikollha.**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. RIKORS

1. Rat ir-rikors ta’ Doreen Mizzi ippreżentat fl-15 ta’ Settembru 2022, permezz ta’ liema talbet hekk:

Għaldaqstant, ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

i) Tannulla u tirrexxindi l-ftehim ta' Hire-purchase datat 26 ta’ Ottubru 2020 bejn Doreen Mizzi (I.D. 459173M) u No Deposit Cars Malta Limited (C85780) (kopja tal-kuntratt annessa u immarkata bħala Dok DM1) stante għemil doluż mis-soċjeta No Deposit Cars Malta Limited (C85780).

ii) Konsegwentement, tiddikjara nulli u bla effett, il-kambjali kollha ffirmati mir-rikorrenti ai termini ta' dak iddikjarat fil-ftehim ta' Hire-purchase datat 26 ta’ Ottubru 2020, liema kambjali jew uħud minnhom ġew iġġenerati a favur Princess Holdings Limited.

iii) Konsegwentement, tirrevoka l-mandati ta' sekwestri kawtolatorji numru 109/2022 u 1697/2022.

iv) Tordna lis-soċjetajiet intimati jew min minnhom jroddu lura lir-rikorrenti l-ammonti kollha mħallsa lilhom fir-rigward ta’ ftehim ta’ Hire-Purchase datat 26 ta’ Ottubru 2020.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa inġunti in subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ta' No Deposit Cars Malta Limited u Princess Holdings Limited ippreżentata fil-21 ta' Ottubru 2022, permezz ta' liema għar-raġunijiet premessi opponew għat-talbiet.

3. Rat li l-Qorti tal-Maġistrati fil-kawżi għall-oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' kambjali, numru 183/2022 fl-ismijiet 'Princess Holdings Limited vs Doreen Mizzi' u fil-kawża numru 36/2022 fl-ismijiet 'Princess Holdings Limited vs Doreen Mizzi'[1] ordnat is-soprasessjoni ta' dawk il-kawżi sakemm tiġi deċiża din il-kawża fil-mertu.

4. Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippreżentatati fis-17 ta' Gunju 2024.

5. Rat ix-xhieda kollha, id-dokumenti u l-atti proċesswali.

6. Rat li fil-verbal tas-16 ta' April 2024, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## B. FATTI TAL-KAŻ

7. Il-fatti tal-każ, fil-qosor huma li fis-26 ta' Ottubru 2020, ir-rikorrenti iffirmat kuntratt ta' hire-purchase ma' No Deposit Cars Malta Limited għax-xiri ta' vettura Mercedes Benz E Class, Coupe għall-prezz globali ta' €24,360, liema ammont kellu jitħallas permezz ta' pagamenti mensili ta' €290 fix-xahar fejn ġew ukoll iffirmati 84 kambjala ta' €290 kull waħda. Il-kuntratt ta' Hire-purchase, jinsab esebit bhala Dok DM1 fol 6.

8. Ir-rikorrenti issostni l-imsemmija vettura kellha l-problemi u r-rikorrenti kienet infurmat b'dan lil No Deposit Cars Limited. Il-vettura ingħatat lura lis-soċjeta No Deposit Cars Limited. Hija waqfet tagħmel il-pagamenti mensili. Ir-rikorrenti ssostni li din il-vettura kienet tirrikjedi spejjeż kbar sabiex tiġi irranġata. Ir-rikorrenti tgħid ukoll li No Deposit Cars Malta Limited bdiet toffri vetturi oħra lir-rikorrenti, iżda r-rikorrenti ma sabitx vettura għas-sodisfazzjon tagħha, għalhekk baqgħet mingħajr vettura.

---

[1] Fol 108 u 148. Id-decizjonijiet esebiti mill-Qorti tal-Magistrati.

9. Illi No Deposit Cars Malta Limited iġġirat il-kambjali lil Princess Holdings Limited. Sussegwentement Princess Holdings Limited ippreżentat żewġ ittri uffiċjali bin-numri 110/2022 u 1895/2022 ai termini tal-artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kapitolu 12 sabiex tirrendi numru ta' kambjali eżegwibbli.

10. Għalhekk ir-rikorrenti li qed tipproċedi f'dan il-każ għax minn banda hija rinfaċċjata bi proċeduri sabiex tħallas kambjali ulterjuri, u mill-banda l-oħra l-vettura m'għadhiex aktar għandha, iżda kienet irritornata lil No Deposit Cars Limited. F'dan ir-rigward, hemm żewġ kawżi quddiem Qorti tal-Maġistrati Rik Numru 36/2022, u 183/2022, oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni tal-kambjali imsemmija fl-ittri uffiċjali numri 110/2022 u 1895/2022, f'liema kawżi il-Qorti tal-Maġistrati ordnat is-soprasessjoni, sakemm jiġi deċiż il-każ odjern.

## C. EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI

### IT-TIENI EĊĊEZZJONI PRELIMINARI TAS-SOĊJETAJIET INTIMATI.

11. Illi permezz tal-tieni eċċezzjoni preliminari, is-socjetajiet intimati qed jeċċepixxu li t-talba tar-rikorrenti hija nebuluża u kontradittorja billi fil-premessi jingħad, li l-vettura kienet kolpita b'difetti, madankollu it-talba li tressaq l-attriċi hija dwar in-nullità tal-kuntratt għal raġuni ta' egħmil doluż da parti tas-soċjetà intimata No Deposit Cars Malta Limited, b'hekk il-premessi ma jsegwux it-talbiet.

12. Huwa minnu li fit-tieni paragrafu tar-rikors ġuramentat jissemmew difetti latenti. Iżda fl-aħħar paragrafu tal-premessi r-rikorrenti preċiżat li l-pern tal-azzjoni odjerna hija li r-rikorrenti qed titlob li titqiegħed lura fil-pożizzjoni li kienet qabel l-effetti tal-kuntratt datat 26 ta' Ottubru 2020, in bażi għal dak li jipprovdu l-artikoli 1209 u 1210 tal-Kodiċi Ċivili, fejn l-attriċi qed issostni li l-għemil tas-soċjetajiet konvenuti kien jammonta għal <u>egħmil doluż</u>. Tant huwa hekk, illi fl-ewwel talba, l-attriċi qed titlob li jiġi rexiss il-ftehim ta' hire-purchase datat 26 ta' Ottubru 2020.

13. Dak mitlub fl-ewwel żewġ talbiet tar-rikors promotur jinsab rifless ukoll fis-sottomissjonijiet tar-rikorrenti. Il-premessa li l-karozza kienet milquta minn difetti moħbija hija l-bażi tal-azzjoni tagħha għar-rexxissjoni tal-kuntratt innifsu fejn allura r-rikorrenti qed tallega li l-konvenuta No Deposit Cars Limited kienet daħlet fil-

kuntratt tal-bejgħ tal-karozza de quo magħha ben konxja mill-fatt li l-karozza kienet milquta minn dawn id-difetti moħbija – fatt allura li skont l-attriċi juri li No Deposit Cars Limited daħlet f'dan il-kuntratt mingħajr il-bona fede rikjesta f'kull kuntratt. Anzi fis-sottomissjonijiet tagħha r-rikorrenti tisħaq li l-iskop tal-konvenuti kien li jarrikkixxu ruħhom b'mod doluż kontra dak li jiddisponi l-art 993 tal-Kodiċi Ċivili. Essenzjalment l-argument tar-rikorrenti huwa li No Deposit Cars Limited daħlet f'dan il-kuntratt in mala fede, u b'mod doluż qarqet biha. Dan, skont l-attriċi kien jintitolaha titlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt de quo.

14. Il-Qorti ma ssibx li hemm nebulosita jew kontradittorjeta, peress li r-rikorrenti qed tipprova b'din il-proċedura tannulla il-hire-purchase, u qed titlob ukoll li tannulla il-kambjali kollha ffirmati minnha ai termini tal-istess ftehim ta' hire-purchase mertu ta' din il-vertenza in kwantu din l-azzjoni hija għar-rexissjoni ta' kuntratt a tenur tal-artikoli 1209 u 1210 tal-Kodiċi Ċivili, u mhux azzjoni għar-rexissjoni ta' kuntratt ai termini tal-artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili.

**Konsegwentement, tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tas-socjetajiet konvenuti.**

## D. IT-TIELET EĊĊEZZJONI PRELIMINARI TAS-SOĊJETAJIET INTIMATI.

15. Fit-tielet eċċezzjoni preliminari tas-soċjetajiet intimati, ġie sostnut li għalkemm legalment ir-rikorrenti iffirmat il-kuntratt imsemmi, din dejjem aġixxiet għal binha Julian Mizzi li kien hu fil-verità li għamel użu mill-vettura tul iż-żmien li l-vettura damet għandu.

16. Illi l-kuntratt huwa liġi għall-partijiet li ffirmawh. Il-fatt innifsu li r-rikorrenti iffirmat il-kuntratt, iżda il-vettura kienet qed tiġi użata minn binha Julian Mizzi kif ikkonferma huwa stess, fl-affidavit tiegħu, ma jimpinġix b'ebda mod fuq il-mertu tal-vertenza in eżami.

**Għaldaqstant, tiċħad it-tielet eċċezzjoni preliminari tas-soċjetajiet intimati.**

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI FIL-MERITU TAL-KAWŻA

17. Illi kif intqal, permezz ta’ din il-kawża r-rikorrenti qed titlob lil-Qorti biex tannulla u tirrexxindi il-ftehim ta’ hire-purchase datat 26 ta’ Ottubru 2020 bejn Doreen Mizzi u No Deposit Cars Malta Limited, minħabba allegat għemil doluż mis-soċjetà No Deposit Cars Malta Limited. Inoltre, qed titlob lill-Qorti wkoll tordna li jiġun annullati l-kambjali kollha iffirmati mir-rikorrenti a tenur tal-ftehim ta’ hire-purchase u li ġew iġġirati favur Princess Holdings Limited. Di piu, qed titlob ukoll li jiġu irrevokati l-mandati ta' sekwestru kawtelatorju numri 109/2022 u 1697/2022 filwaqt li tiġi rifuża l-ammonti kollha mħallsa lil No Deposit Cars Malta Limited a tenur tal-ftehim ta’ hire-purchase tas-26 ta’ Ottubru 2020.

18. Min-naħa l-oħra, Princess Holdings Limited sostniet illi l-azzjoni attriċi hija indirizzata kontra No Deposit Cars Malta Limited. Iżda, l-azzjoni ta' Princess Holdings Limited hija bażata fuq il-kambjali li ġew iġġirati favur tagħha, li ġew validament iffirmati skont il-liġi, u għalhekk għandhom jitqiesu bħala obbligu distint u separat mill-kuntratt oriġinali ta’ hire-purchase. Sostniet li t-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet tar-rikorrenti kienu jiffurmaw il-mertu tal-każ li qed jinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet **Princess Holdings Limited vs Doreen Mizzi 183/2022 LC**. Inoltre, ġie sostnut li r-raba' talba tar-rikorrenti m'għandhiex mis-sewwa, billi hija għadha ma ħallset xejn lil Princess Holdings Limited. Dwar it-talba tar-rikorrenti marbuta mal-kambjali, Princess Holdings Limited irreferiet għall-każ **Princess Holdings Limited vs Wesley Kock** (1168/21CFS) deċiż mill-Prim' Awla Qorti Ċivili 20 ta' Diċembru 2021 fejn l-eżekuzzjoni tal-kambjala ma ġietx sospiża filwaqt li ġie sostnut ukoll li l-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta jitkellem ċar dwar meta persuna tista' tittenta topponi l-eżekuzzjoni ta' kambjala. Tgħid li r-raġunijiet elenkati fl-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta ma japplikawx f'dan il-każ.

19. No Deposit Cars Malta Limited sostniet li l-azzjoni tar-rikorrenti hija waħda ibbażata fuq il-kuntratt ta’ hire-purchase, li kien jitkellem ċar, b'mod partikolari dwar il-kontinwazzjoni ta' ħlas. Sostniet ukoll, li għalkemm ir-rikorrenti qed tallega li l-vettura Mercedes Benz kienet milquta minn difetti moħbija, fit-talba tagħha r-rikorrenti qed titlob in-nullita tal-kuntratt fuq il-premessa li No Deposit Cars Malta Limited aġixxiet b'mod doluż. No Deposit Cars Malta Limited saħqet li r-rikorrenti ma kellha ebda dritt skond il-kuntratt li tressaq azzjoni ta'

difetti latenti, billi din il-garanzija legali, ġiet eskluża f'dan il-kuntratt u billi il-vettura hija *second hand*. Inoltre, saħqet li ma kienx minnu li No Deposit Cars Malta Limited aċċettat li kien hemm ħsara fil-vettura imsemmija, iżda kienet ir-rikorrenti li ħalliet il-vettura sabiex tiġi ċċekkjata. No Deposit Cars Malta Limited kienet anke offriet lir-rikorrenti li tieħu vettura oħra minflokha. Di piu, qalet ukoll li r-raġunijiet imressqa mir-rikorrenti, ma jġibux atti ta' nullità f'kuntratt validu skond il-liġi. Tagħlaq billi tgħid li l-ewwel talba kellha tiġi miċħuda, minbarra l-fatt li il-kuntratt ta' hire-purchase iffirmat mir-rikorrenti juri b'mod ċar li l-vettura qed tiġi assenjata bħala *tale quale*.

**Ikkunsidrat**

20. L-artikoli 1209 u 1210 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdu hekk:

> 1209(1) Bir-rexissjoni ta' kuntratt, jekk il-liġi ma tiddisponix xort oħra, il-partijiet jiġu mqiegħda fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim.
> (2) Kull parti għandha trodd lill-oħra dak li tkun irċeviet jew daħlet b'effett jew bis-saħħa tal-kuntratt.
> (3) Dwar il-frottijiet u l-imgħaxijiet li jkunu nġabru jew daħlu sa dak in-nhar tat-talba għar-rexxissjoni tal-kuntratt, il-qorti tista skond iċ-ċirkostanzi, tordna li jitpaċew b'xulxin.
> (4) Meta l-kuntratt jiġi rexxiss minħabba għemil doluż jew vjolenza, il-parti ħatja ta' dak l-ghemil doluż jew ta' dik il-vjolenza, għandha trodd lill-oħra wkoll il-frottijiet li setgħu jiġu miġbura, u li bi ħtija jew bi traskuraġni tagħha, ma ġewx hekk miġbura.
>
> 1210(1) Ir-rexxissjoni għandha effett ukoll kontra t-terzi pussessuri.
> (2) Ir-rexxissjoni tħassar kull jedd li jkun ġie mogħti jew kull piż li jkun ġie magħmul fuq il-ħaġa li, minħabba t-tħassir tal-kuntratt, għandha tintradd.

21. Fil-każ **Joseph Theuma et vs. Michael Angelo Theuma et** deċiż fl-1 ta' Ottubru 2009, ingħad:

> Id-deċiżjoni jekk iżżommx fis-seħħ kuntratt fejn il-kunsens ta' wieħed mill-partijiet ikun vizzjat minħabba żball, vjolenza jew qerq hija biss tal-parti li tkun tat dak il-kunsens u ta' ħadd iktar. Il-ħsieb tal-leġiżlatur kien li permezz tal-azzjoni tar-rexissjoni jittutela l-interess ta' dik il-parti għal kuntratt li jsib ruħu f'pożizzjoni menomata. Id-deċiżjoni hi tagħha biss, jekk għandhiex iżżomm in-negozju fis-seħħ jew le.

22. Illi f'din l-azzjoni, ir-rikorrenti qed tipproċedi biex tirrexxindi l-kuntratt ta' hire-purchase, esebit fol 6 *et sequitur*. Dan il-kuntratt ġie definit fis-sentenza fl-ismijiet **Bonnett vs. Azzopardi** deċiża fit-28

ta' Ġunju 1922, kif ċitata fis-sentenza l-ismijiet **Reġina vs. Miller** deċiża fit-30 ta' Mejju 2002, fejn ingħad is-segwenti:

> In-natura intrinsika ta' dan il-kuntratt hija li fih żewġ stadji ben distinti. Is-sid ta' l-oġġett jittrasferixxi lill-kerrej l-użu u l-pussess tal-oġġett għal kirja speċifika, b'dan li l-propjetà tal-oġġett ma tgħaddix għand ix-xerrej sakemm il-prezz ma jkunx imħallas kollu. Il-venditur jibqa' legalment ikkonsidrat li huwa is-sid ta' l-oġġett u l-propjetà tiegħu ma tgħaddix lill-venditur sakemm il-prezz tiegħu ma jkunx ġie saldat.

23. F'dan il-każ, il-kuntratt eżebit fil-paragrafu 7 tiegħu jgħid ċar li sakemm jitħalsu l-bilanċ tal-prezz pattwit, u "all charges, fees and interest accrued", il-vettura in kwistjoni tibqa' proprjeta unika u assoluta tal-"Owner" ossija No Deposit Cars Malta Limited.

24. Kif inghad fil-każ **No Deposit Cars Malta Limited vs. Mark Cauchi** (1106/19) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-28 ta' Settembru 2023:

> Fi ftit kliem dan ix-xorta ta' ftehim jissospendi trapass tal-proprjetà sakemm jitħallas il-prezz u dan b'eċċezjoni għal dak li jrid l-artikolu 1347 tal-Kodiċi Ċivili li jiddefinixxi il-bejgħ. Il-bejgħ bħala wieħed perfett bejn il-partijiet, u kwantu għall-bejjiegħ, il-proprjeta tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun ghad tħallas il-prezz u minn dak il-ħin il-ħaġa innifisha tibqa' għar-riskju u għall-użu tax-xerrej.

25. Kif ingħad f'din is-sentenza suċitata, ladarba n-negozju li għandha quddiemha din il-qorti huwa regolat mill-hire-purchase agreement tas-26 ta' Ottubru 2020, irid jiġi skrutinat l-isfond li fih sar il-kuntratt kif ukoll il-kuntratt innifsu in kwantu l-kundizzjonijiet li fih, peress li jista' jagħti l-każ li f'okkażjonijiet, f'kuntratti bħal dawn, ikun hemm effett wisq favorevoli favur il-bejjiegħ, u jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn l-effetti jkunu oppressivi kontra x-xerrej.

26. Huwa fatt inkontestat li f'dan il-każ, l-attriċi kienet qegħda tixtri karozza second hand, karozza li kienet użata qabel ma ġiet mibjugħa lilha.

27. , li fil-kuntratt ta' hire-purchase esebit fol 6, hemm stipulat, li r-rikorrenti ma xtratx il-vettura mertu ta' din il-vertenza b'garanzija għal difetti latenti, proprju għaliex kienet vettura *second hand*. Fil-fatt, taħt it-titolu RISK AND WARRANTY hemm indikat is-segwenti:

> 6.2 The hirer agrees that he shall bear all risks relating to the Motor Vehicle as from delivery in accordance with the foregoing clauses.

6.3 The hirer hereby acknowledges and accepts that the owner is not the original manufacturer or supllier of the Motor vehicle, and that the motor vehicle has been specifically selected by the Hirer. The Hirer accordingly agrees that no express or implied condition- warranty or equivalent representation thereof as the state, quality, description or otherwise of the Motor vehicle has been or is being given or made by the owner.

6.4 Without prejudice to the provisions of this agreement, the parties agree that this hire-purchase is being made tale quale. The owner hereby excludes any responsibility or warranty for latent defects, whether mechanical, electrical or otherwise, existing at the time and following the date of this agreement. For this reason, the parties agree that any malfunction or damage to the Motor vehicle and any related costs and expenses necessary for the maintenance and/or repair of such malfunction or damage, including costs for replacement of parts, shall be exclusively borne by the hirer, who shall have no right of recourse against the owner for the reimbursement of any such costs or expenses.

6.5 The parties agree that the Motor vehicle has been seen, tested and inspected by the hirer and found to be to his complete satisfaction.

28. Madankollu, huwa imperattiv li anke fix-xiri ta' oġġetti *second hand*, ikun hemm il-prinċipju ta' bona fede. Dan huwa prinċipju li joħroġ mill-artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili, li fejn m' hemmx il-bouna fede ma hemmx il-vinkolu kuntrattwali. Infatti, fil-ġurisprudenza, ir-regola hija li l-kuntratti għandhom jiġu eżegwiti in buona fede[2] u li l-kuntratti validament magħmula jkollhom saħħa ta' Liġi bejn il-partijiet li għamluhom.[3] Ġaladarba l-kuntratt huwa liġi għall-partijiet li jagħmluh, dan jinkludi wkoll il-prinċipju li patt miftiehem fl-iskrittura ma jistax jiġi varjat bil-volonta unilaterali ta' parti waħda mill-kontraenti.[4] Kif ingħad, din il-kawża hija bażata fuq il-premessa tar-rikorrenta li l-konvenuta No Deposit Cars Malta Limited kienet in mala fede meta sar il-kuntratt ta' hire-purchase magħha, fatt li allura jagħtiha d-dritt li titlob ir-rexxissjoni ta' dak il-kuntratt u dak li jikkonsegwi minnu.

29. Mill-provi jidher li il-vettura in kwistjoni damet f'idejn ir-rikorrenti għal perjodu ta' mhux iżjed minn sitt xhur. Kien sar pagament fl-

[2] Ara **John Micallef vs. Charlie sive Carmelo Ciangura** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-8 ta' Novembru 1985; **Carmelo Mifsud vs. Joseph Spiteri et** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-30 ta' April 1987.
[3] Artikolu 992(1) u 993 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[4] Ara **David Borg vs. WVS Marketing Limited** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-1 ta' Diċembru 2004; **Edwin Caruana vs. Air Malta plc** (303/17/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell li fil-15 ta' Novembru 2023.

ammont ta' €1311 da parti tar-rikorrenti[5] kif ukoll eżebiet Dok DM 3 sa DM 7 li juru li effettwat ħames pagamenti ta’ €290 il-wieħed – bejn Ottubru 2020 u Marzu 2021.

30. Luke Milton għan-nom ta’ No Deposit Cars Malta Limited fix-xhieda tiegħu tas-7 ta' Marzu 2023 ikkonferma li tħallas pagament wieħed biss fuq din il-vettura, sakemm il-vettura ġiet lura fil-pussess ta’ No Deposit Cars Malta Limited.[6] Fix-xhieda tiegħu Milton ma kkonfermax li l-vettura in kwistjoni kellha l-problemi, anzi jgħid li l-vettura kienet tajba u seta' jbiegħha, b'hekk ħadha lura, għaliex kieku ma kienx jaċċetta l-vettura lura għandu. Fil-fatt il-kuntratt tal-hire-purchase jgħid ċar u tond fil-paragrafu 2.5 li l-partijiet kienu qegħdin jaqblu li “no returns of vehicles is accepted” filwaqt li fil-paragrafu 3 jingħad ukoll li l-kumpratur kien qiegħed fihem bi sħiħ nonche jaċċetta u jiffirma li “no returns of vehicles are accepted and should a Vehicle is returned, the full balance of the oustanding loan is still to be paid included all interests...”

31. Ir-rikorrenti u binha Julian Mizzi, qed isostnu, li fil-bidu il-vettura kellha problemi bir-radiator u bis-sump, u kienet ħarġet problema gravi, għaliex kellha xi problemi fl-electronics. Fl-affidavit tagħha Doreen Mizzi tgħid li il-vettura ttieħdet għand mekkanik ieħor imbagħad f'dak l-istadju, nstab li kellha ECU difettuż li jiswa’ madwar €12,000 sabiex jiġi rranġat, apparti li kien hemm ukoll spejjeż oħra addizzjonali. Hija kkonfermat li kienet ġiet infurmata b'dan minn No Deposit Cars Limited.

32. Fl-affidavit tiegħu Julian Mizzi ikkonferma l-verżjoni li meta l-vettura kellha problemi bir-radiator u bis-sump, kienu intbagħtu għand mekkanik tas-soċjetà intimata li jopera minn Ħad-Dingli li kien irranġa r-radiator li kien imtaqqab. Sussegwentement, Julian Mizzi sostna li meta l-karozza kienet waqfet taħdem u immanifestat problemi ulterjuri ġew infurmati mis-soċjeta No Deposit Cars Malta Limited li l-vettura kellha ECU difettuż, u kien hemm bżonn spejjeż ta' €12,000 f'dan ir-rigward. Julian Mizzi, annetta kopja ta' serje ta' messaġġi skambjati fuq “Whats App” ma’ Luke Milton, b’korrispondenza dwar il-vettura Mercedes Benz mertu ta’ dan il-kaz fejn hemm referenza li Luke Milton kien ikkummenta li din il-vettura kienet bil-‘hassle’.

[5] Dok DM1 fol 38.
[6] Fol 30 a tergo.

33. Fix-xhieda tagħhom ir-rikorrenti u binha Julian Mizzi ikkonfermaw li kellu jsir arranġament ieħor ma' No Deposit Cars Malta Limited fejn din is-soċjetà kienet lesta toffri vettura oħra sabiex tiġi akkwistata minnhom filwaqt li jkomplu għaddejjin bil-pagamenti. Jidher li ma kienx hemm qbil dwar x'karozza alternattiva kellu jagħżel Julian Mizzi li fl-affidavit tiegħu qal li meta ġie offrut sabiex imur jagħżel vettura oħra kellu il-covid u ma setax imur jara l-vetturi, sakemm imbagħad f'Jannar 2022 Doreen Mizzi sabet li kellha sekwestru fuq il-kont tagħha.

34. Fix-xhieda tiegħu tas-7 ta' Marzu 2023 Luke Milton, ma jikkonfermax il-verżjoni tar-rikorrenti u ta' binha fis-sens li l-vettura kellha xi difetti serji fl-electronics, u li kellha bżonn spiża kbira sabiex tiġi sewwa u adegwata. Kuntrarjament, Milton isostni li huwa seta' jbiegħ din il-vettura tant li kien aċċettaha lura biex ikun jista' jerġa jbiegħa. Ingħad ukoll li din il-vettura kienet wara ġiet mibjugħa lil terzi.

35. Għalhekk f'dan ir-rigward teżisti prova konfliġġenti bejn il-partijiet. Għaldaqstant, dwar dan il-punt ta' diverġenza fil-provi, din il-qorti ser tirreferi għal dak enunċjat fil-ġurisprudenza nostrana.[7] Issir referenza wkoll għal dak li jingħad fil-każ deċiż mill-Prim Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru 1966 fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs. Rokku Farrugia**:[8]

---

[7] "F'każ ta' konflittwalità, il-qorti trid tadopera b'aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq bilanċ ta' probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi"........Għandu jiġi eżaminat jekk xi wahda mill-verżjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jeżistu tali provi konsegwentement, ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi wahda mill-verżjonijiet li allura jista' jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi eżaminat ukoll, jekk jeżistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekja ir-realtà tal-fatti u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli."**Ara Middlesea Insurance plc noe vs Victor Sammut** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Gunju 2003, **Dr. Elizabeth vella MD vs Bieb Bieb Lmited**, deċiża mill-Prim Awla Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2011; **Dr. Joseph Camilleri noe vs Trebee Compnay Limited**, deċiża mill-Prim' Awla Qorti Civili fil-5 ta' Lulju 2017; **Grezzju u Antonia Patiniott vs George Degiorgio** deċiża mill-Prim Awla Qorti Civili fil-11 ta' April 2019.

> Kif ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-każ **Enrico Camilleri vs Martin Borg** fis- 17 ta' Marzu 2003: "Il-ġudikant fil-kamp ċivili għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibbiltajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bbażata fuq il-preponderanza ta' probabilitajiet." (Ara wkoll **E. Zammit vs Petrococchino**, Qorti tal-Appell, 25 ta' Frar 1952 u **Paul Vassallo vs C. Pace**, Appell Civili deċiż fil-5 ta' Marzu 1986).

[8] Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Borg et vs Joseph Bartolo** deċiż fil- 25 ta' Ġunju 1980 Appell Ċivili Sede Inferjuri ġie speċifikat:

> Fi kwistjoni ta' kredibilità u apprezzament ta' provi il-kriterju ma huwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma l-ispjegazzjoni hiex possibbli u minn ewl id-dinja fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja.

> Mhux kwalunkwe tip ta' kunflitt fil-verżjonijiet mogħtija tal-partijiet għandu jħalli lill-qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-*in dubio pro reo*. Il-kunflitt fil-provi sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni huma ħaġa li l-qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha........ Meta l-każ ikun hekk il-qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatojja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet fid-dawl ta' soliti kriterji tal-kredibilità u tal-preponderanza tal-provi għax dawn f'kawża ċivili huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant......... Anzi f'każijiet bħal dawn aktar ma jkun il-kunflitt bejn verżjoni oħra, aktar tidher il-possibiltà tal-qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti.

36. Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Cutajar vs. Albert Satariano**, Appell Ċivili deċiż fis-27 ta' Ġunju 2007, ingħad li, meta trattandosi ta' żewġ verżjonijiet konfliġġenti, il-Qorti jkollha testendi l-indaġini fuq il-provi dokumentali, li għandhom iwasslu għas-soluzzjoni ġusta tal-vertenza.

37. Meta l-Qorti tkun rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti il-Qorti għandha tkun iggwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha. Fl-appell ċivili inferjuri **Maria Xuereb et vs. Clement Gauci et** intqal li l-Qorti trid:

> Tgħaraf tislet minn dawn il-provi korraborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u
>
> Fin-nuqqas li tiġi applikata il-massima *actore non probante reus absolvitur*.

38. F'każijiet bħal dawn fejn hemm żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti, il-Qorti trid tistħarreġ u tara liema verżjoni hija aktar verosimili.[9]

---

[9] "F'każ ta' konflittwalità, il-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi wahda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq bilanċ ta' probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi"........Għandu jiġi eżaminat jekk xi wahda mill-verżjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jeżistu tali provi konsegwentement, ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi wahda mill-verżjonijiet li allura jista' jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk jeżistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekja ir-realtà tal-fatti u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli."**Ara Middlesea Insurance plc noe vs. Victor Sammut** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Ġunju 2003, **Dr. Elizabeth vella MD vs. Bieb Bieb Lmited**, deċiża mill-Prim Awla Qorti Civili fid-9 ta' Diċembru 2011; **Dr. Joseph Camilleri noe vs. Trebee Compnay Limited**, deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-5 ta' Lulju 2017; **Grezzju u Antonia Patiniott vs. George Degiorgio** deċiża mill-Prim Awla Qorti Ċivili fil-11 ta' April 2019.

Kif ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-każ **Enrico Camilleri vs. Martin Borg** fis- 17 ta' Marzu 2003:

39. F'ċirkostanzi bħal dawn, huwa imperattiv li l-qorti tislet dak kollu li jirriżulta mill-provi. Fix-xhieda tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2023 il-mekkanik Christian Galea li jaħdem minn Ħad-Dingli ikkonferma li huwa kien ħadem fuq karozza li kien ħadielu wieħed jismu Michael (li rriżulta li kien missier Julian Mizzi). Christian Grima qal li kull ma għamel fuq il-vettura in kwistjoni kien li bidlilha r-radiator. Igħid li, jekk jiftakar sewwa x-xogħlijiet tiegħu kienu limitati u strettament fuq ir-radiator. Dan ix-xhud ma jindika l-ebda problemi oħra li seta' kellha din il-vettura – la fis-samp u l-anqas fl-elettronika.

40. Apparti dan ix-xhud ir-rikorrenti ma resqu lil ebda mekkanik jew electrician ieħor sabiex jixhed dwar il-ħsarat li r-rikorrenti kienu qegħdin jilmentaw li din il-vettura imsemmija kellha. Għalhekk ma teżistix prova ċara u oġġettiva li tikkonferma t-teżi li din il-vettura kellha difetti serji fl-electronics u fl-ECU kif qed issostni r-rikorrenti u binha.

41. Huwa minnu li tressaq stampat ta' konverżazzjoni li saret fuq "Whats App", fejn qed issir referenza kontinwa sabiex Julian jigi offrut vettura oħra. F'kull każ, dak sostnut f'din il-konverżazzjoni esebit fejn hemm referenza għal 'hassle' ma ġiex ammess u ikkonfermat minn Luke Milton li jgħid li l-vettura kienet tajba, għaddiet mill-VRT u kienet reġistrata. Milton jikkonferma li Julian Mizzi kien ilmenta dwar din il-vettura. Iżda minn naħa tiegħu, Milton kien lest li jieħu din il-vettura lura u allura kien beda joffri li anke jbiddillu din il-vettura b'vettura oħra. Fil-fatt din il-vettura Mercedes Benz reġgħet marret lura fil-pussess tiegħu, iżda Julian Mizzi ma kienx baqa' jsegwi u jmur sabiex jagħżel vettura oħra. Fl-affidavit tagħha Doreen Mizzi tgħid li No Deposit Cars Malta Limited kien offrewlha karozzi oħra, imma dawn jew kienu iżjed għoljin jew inkella ma kienux tal-għażla li xtaq Julian Mizzi. Kienu qalulhom ukoll li ftit ġimgħat wara kienu sejrin jidħlulhom karozzi oħra u li kienu se jkelmuhom meta jaslu (fol 36). Iżda milli jidher minn dan ma ġara xejn. Fl-affidavit tiegħu Julian Mizzi isostni li huwa kien baqa' jistenna sakemm jaslu aktar vetturi (fol 46).

---

Il-ġudikant fil-kamp ċivili għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibbiltajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bbażata fuq il-preponderanza ta' probabilitajiet.

Ara wkoll **E. Zammit vs Petrococchino**, Qorti tal-Appell, 25 ta' Frar 1952 u **Paul Vassallo vs C. Pace**, Appell Ċivili deċiż fil-5 ta' Marzu 1986.

42. Ir-rikorrenti pruvaw ukoll jattakkaw il-kredibilita ta' Luke Milton billi resqu xiehda oħra mogħtija minnu f'xi kawżi oħra kif jidher a fol 161 *et sequitur* fejn sostna li huwa ma kellux x'jaqsam ma' No Deposit Cars Malta Limited. Luke Milton setgħa mhux l-iżjed xhud kredibbli f'dan il-każ. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li għax Luke Milton ma kienx kredibbli, allura l-attriċi kien irnexxielha tipprova l-każ tagħha fuq livell ta' probabilita'. Ir-rikorrenta kienet mistennija li tressaq l-aħjar prova disponibbli għaliha. F'dan il-każ din il-prova kienet tinkludi x-xiehda tagħha u ta binha. Iżda wieħed kien jistenna wkoll li titressaq prova iżjed soda fuq il-pern tal-każ ossija dwar liema kienu sewwasew dawk id-difetti moħbija tant serji li in bażi tagħhom l-attriċi qegħda takkuża lill-konvenuti b'mala fede.

43. Din hija kawża għal rexissjoni ta' kuntratt. Il-presunzjoni tkun dejjem favur il-validita tal-kuntratt. Jinkombi fuq min jallega li l-kuntratt ikun ivvizzjat li jġib prova soda biżżejjed biex tikkonvinci lil Qorti li, sal-grad tal-probabbli, verament li kien hemm il-mala fede da parti tal-venditur li allura tista' twassal għar-rexissjoni tal-kuntratt. Jinkombi fuq min jallega fatt sabiex jippruvah, dan kif stabbilit u huwa paċifiku fil-ġurisprudenza, min jallega jrid jipprova.[10]

44. F'dan il-każ din il-prova, li mhux dejjem daqshekk faċli li tinġieb, fil-fatt ma nġabitx. Biex din il-Qorti tkun tista' tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi, hija trid tkun sodisfatta li l-attriċi tkun resqet l-aħjar prova li l-venditur kien daħal għal-dan il-kuntratt b'mala fede, f'dan il-każ allura konsistenti fl-għarfien tiegħu minn qabel il-bejgħ li l-vettura mibjugħa kienet milquta minn difetti moħbija serjissimi u li minkejja dan huwa ried jidħol għal dan il-bejgħ lill-attriċi b'mod u manjiera li jġegħelha tiffirma kuntratt b'kundizzjonijiet ta' ħlas onerużi u mingħajr ebda garanzija fuq din il-vettura biex skontha jarrikkixxi ruħu indebitament minn fuqha.

---

[10] Din il-qorti tagħmel referenza għall-kawża **Martin Mifsud et vs Marica Almerigo** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fis-16 ta' April 2013 fejn ingħad:

Min jallega jrid jipprova - *qui allegat probat*. L-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah a tenur tal-artikolu 562 tal-Kapitolu 12. L-artikolu 559 ukoll jipprovdi li l-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġgib.

Faz fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Hili** deċiż mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fis- 27 ta' Ġunju 1953 jingħad:

Ma hux dubitat li ir-regola ġenerali hi' l-onus probandi' hu fuq min jallega fatt, u mhux fuq min jinnegah 'ei incubit probatio qui dicit non ei qui negat.'

45. Għalhekk riedet iġġib prova soda li l-venditur kien konxju ta' dawn id-difetti u ried iwikkilha din il-karozza. F'dan il-każ, mill-provi u mir-riżultanzi fattwali, dan l-egħmil doluż ma ġiex ippruvat. Ma ġiex ippruvat li l-imsemmija vettura kellha s-sump imtaqqab u msewwi bis-sealer daqskemm ma ġiex pruvat li l-ECU tal-vettura kien difettuż kif allegat. Din il-kwistjoni setgħet tiġi indirizzata billi jitilgħu jixhdu l-mechanics li ħadmu fuq il-vettura u forsi xi electrician li setgħa ra lil din il-vettura. Iżda minn dawn il-provi li setgħu jinġiebu fil-fatt ma nġiebux mill-attriċi. Għalkemm din il-Qorti tista' tifhem li kien hemm raġuni għaliex l-attriċi (u binha) ma kienetx trid iżżomm din il-vettura iżjed tant li kienet lesta tirritornaha lura, mill-banda l-oħra l-attriċi riedet ukoll issaħħaħ dak li kienet qegħda tgħid fix-xiehda tagħha iżjed u iżjed jekk is-soċjeta konvenuta kienet qegħda tikkontesta dak li l-attriċi kienet qegħda tgħid. Iżda mhux talli ġie pruvat li l-venditur ried iwikkilha din il-karozza, talli kien lest jerġa joħodha lura, joffrilha karozza oħra li pero, għal raġuni jew oħra spiċċat li ma għażlithiex. Sadattant jidher li din il-karozza reġgħet ġiet mibjugħa lil ħaddieħor.

46. Irid jingħad ukoll li dan il-kuntratt li ġie ffirmat mill-attriċi kien ċar fil-kliem li juża dwar il-kundizzjoni tal-vettura li hija xtrat. Kien ikun iżjed għaqli għall-attriċi li tifhem sewwasew għalxiex kienet dieħla **qabel** ma ffirmat dak il-kuntratt u jekk kienet tħoss meħtieġ anke tieħu parir legali qabel ma tidħol għal kuntratt. Ma hemmx prova li hija ma kienetx taf x'qegħda tiffirma. Fosthom, fil-kundizzjoni numru 2 a fol 10 u 61, hija iffirmat għal dikjarazzjoni li hi kienet qegħda taqbel u taċċetta li l-Venditur kien infurmaha li dik il-karozza kienet qabel ma nxtrat minnha involuta f'inċident (wieħed jifhem tat-traffiku) kif ukoll li l-Venditur kien infurmaha bid-difetti li l-vettura kellha u li hija aċċettat dik il-vettura b'dawk id-difetti. Pero anke jekk, għall-grazzja tal-argument il-Venditur ma qalilhiex b'kollox, hija xorta waħda pero iffirmat għall-kundizzjoni li din il-vettura kienet ittieħdet għand mechanic magħżul minnha għal parir u tiswija. Hija iffirmat ukoll li kienet aċċettat li kienet qed tassumi r-responsabilita kollha għar-riskji kollha ta' telf jew ħsara f'din il-vettura.

47. Dawn kienu kundizzjonijiet li aċċettat u ffirmat għalihom l-attriċi. Mix-xiehda tagħha ma jirriżultax li qabel ma sar dan il-kuntratt fil-fatt hija marret ħadet parir mingħand mechanic tal-fiduċja tagħha dwarha. L-anqas ma jirriżulta jekk kienetx ħadet parir legali qabel iffirmat għal dak il-kuntratt, kif ukoll għall-kambjali li nħarġu skont kif miftiehem fuqu.

48. L-argument fis-sottomissjonijiet tar-rikorrenti li ma sarux il-kontro-eżamijiet da parti tas-soċjetà intimata lir-rikorrenti u lix-xhieda l-oħra, ma jreġix wisq. Kien dmir tar-rikorrenti li tinkariga mekkanik tal-fiduċja tagħha, sabiex jagħmel spezzjoni fuq din il-vettura u sabiex ikun jista' jiċċertifika problemi jew difetti fl-istess vettura, sabiex jiġi stabbilit jekk dak sostnut mir-rikorrenti huwiex veritier, għaliex il-Qorti ma tistax toqgħod fuq sempliċi verżjoni ta' parti li anzi tkun qegħda tiġi kontestata.

**In vista ta' dawn il-fatti u ċirkostanzi, din il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni komuni tal-konvenuti u fid-dawl ta' dan tqis li ma għandhiex għalfejn tinoltra ruħha wkoll fir-rigward tal-kumplament tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-istess konvenuti filwaqt li allura konsegwentement sejra tiċħad l-ewwel talba attriċi u l-kumplament tat-talbiet in kwantu konsegwenzjali għall-ewwel waħda. Biss kwantu għall-kumplament tat-talbiet jiġi preċiżat inoltre illi:**

49. Fit-tieni talba, ir-rikorrenti qed titlob li l-kambjali kollha ffirmati mir-rikorrenti ai termini tal-ftehim ta' hire purchase datat 26 ta' Ottubru 2020, liema kambjali ġew iġġirati favur Princess Holdings Limited, jiġu dikjarati nulli u bla effett. Dit-tieni talba hija konsegwenzjali għall-ewwel talba in kwantu l-kambjali ġew iffirmati a tenur tal-kuntratt ta' hire purchase in kwistjoni. Dawn il-kambjali ġew iffirmati u bħala regola jitqies li joħolqu obbligu distint u separat mill-kuntratt oriġ

50. inali. Ir-rikorrenti qegħda titlob in-nullità tal-kuntratt u kif ukoll in-nullità tal-kambjali iffirmati.

51. Jiġi ippreċiżat li fil-kuntratt ta' hire-purchase, esebit fol 6 *et sequitur*, fi klawsola 8.2 hemm stipulat hekk:

> The parties further agree that if the Hirer does not affect full and immediate payment in accordance with clause 8.1 within thirty days, which shall run from the day the Owner calls upon the Hirer, to affect such payment, this agreement shall be terminated ipso jure and the owner shall be entitled to request the hirer, who shall comply therewith, to restore immediate possession of the motor vehicle to the owner, without prejudice to any claim for damages, saving wear and tear consistent with the period of use. Furthermore, the Owner shall be entitled to claim the difference between the outstanding balance due by the Hirer in terms of this agreement and the price of the Motor Vehicle as resold after possession is restored in terms of this sub-clause, without prejudice to any charges, fees and interest accrued.

52. Din il-klawsola fil-kuntratt, qed tiġi ċitata sabiex jiġi pprećiżat li fit-talbiet kif dedotti ma ġiex mitlub li l-kuntratt jiġi terminat, peress li l-vettura ġiet ritornata lil No Deposit Cars Malta Limited, anke jekk mhux bis-sekwenza tal-fatti kif stipulata f' din il-klawsola. Iżda, fit-talbiet kif dedotti, qed jintalab li jiġi annullat il-kuntratt u li jiġu annullati il-kambjali iffirmati mir-rikorrenti, ai temini ta' dak iddikjarat fil-ftehim ta' hire-purchase imsemmi. Tezisti distinzjoni netta bejn it-talba għan-nullita u it-talba ghat-terminazzjoni ta' kuntratt.

**It-Talba dwar ir-Revoka tal-Mandati ta' sekwestri kawtelatorji.**

53. Fit-tielet talba r-rikorrenti qed titlob li jiġu revokati il-mandati ta' sekwestri kawtelatorji numri 109/2022 u 1697/2022, liema sekwestri kawtelatorji saru fuq il-kont bankarju tar-rikorrenti Doreen Mizzi ai termini tal-kambjali kollha ffirmati mir-rikorrenti, a tenur ta' dak iddikjarat fil-ftehim ta' hire-purchase tas-26 ta' Ottubru 2020.

54. Jibda biex jingħad, li talba bħal din messha saret b'rikors appożitu li kellu jsir abbażi tal-artikolu 836 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.[11] Dan għaliex l-istħarriġ meħtieġ fi proċedura ta' revoka ta' mandat huwa biss wieħed *prima facie*, u li m'għandu x'jaqsam mal-mertu għaliex il-mertu, jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja.[12] Huwa proprju għalhekk, li l-indaġni li trid tagħmel qorti fi proċedura ai termini tal-artikolu 836 tal-Kapitlu 12, fejn il-qorti tistħarreġ ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ ta' mandat jidhrux mill-att innifsu, u jekk il-mandati ma nħariġx b'mod abbużiv, għalhekk dak li jrid jiġi analizzat

---

[11] Artikolu 836(1) mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew b'kull liġi oħra, intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

a) li l-att kawtelatorju m'għadux aktar fis-seħħ.
b) Li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti.
c) Li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretenzjoni.
d) Jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġġustifikat jew ikun eċċessiv; jew
e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed, jew
f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju, jew parti minnu, jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

[12] Ara **Visa Investments Limted vs. Blye Engineering Company Limited** deċiża mill-Prim Awla Qorti Ċivili fis-7 ta' Frar 2001.

f'rikors bħal dan huwa jekk *prima facie*, mad-daqqa t'għajn ir-rikorrent eżekutat għandux bażi ta' pretensjoni.[13]

55. Illi jiġi nnotat li fl-atti tal-każ in eżami, li huwa każ fil-mertu, ma jistax u m'huwiex lok li ssir indaġini a tenur tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12. Dan, aktar u aktar meta fil-premessi, u fl-atti tal-każ, m'hemm l-ebda referenza għal mandati ta' sekwestri kawtelatorji in kwistjoni, iżda minflok fil-premessi hemm referenza kontinwa għall-proċeduri relattivi għall-oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' kambjali imsemmija fis-sitt paragrafu tal-premessi tar-rikors promotur. Fir-rigward tal-atti esebiti, dawn ukoll jirreferu prinċipalment, għall-atti għall-oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' kambjali, u għal ebda mandat ta' sekwestru, kif imsemmi fit-tielet talba.

56. Referibbilment għar-raba' talba, fejn qed jintalab, li jintradd lura lir-rikorrenti il-ħlasijiet kollha li saru rigward il-ftehim ta’ hire-purchase. Ġaladarba l-kuntratt ma jistax jiġi rexiss għar-raġunijiet miġjuba mill-attriċi, din ir-raba’ talba ma tistax tiġi milqugħa.

# Deċide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi din il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari komuni tas-soċjetajiet konvenuti, tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni komuni tas-soċjetajiet konvenuti u għalhekk filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż a karigu tal-attriċi.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**

[13] Ara **Paul Hili et vs. Dr. Joselle Farrugia nomine et** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-23 ta’ Ġunju 1994.